# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Ġurisdizzjoni Inferjuri

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Avviż Numru: 14/2023 SG**

**BNF Bank plc (C41030)**

**vs**

**Christian Mario Zammit (KI Numru 0025391G)**

**Illum il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti;

Rat l-Avviż ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2023 fejn BNF Bank plc talbet lill-konvenut jgħid għaliex m' għandux ikun ikkundannat li jħallasha s-somma ta' sebat elef u erba' mija u disgħa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 7,469.24ċ) rappreżentanti ammont dovut minnu fuq il-kontijiet tiegħi mal-bank attriċi u speċifikament kif ser jingħad hawn taħt: Sitt elef u seba' mija u wieħed u għoxrin Euro u disgħin ċenteżmu (EUR 6,721.90ċ) bl-imgħaxijiet inklużi sal-1 ta' Novembru 2023 u dovuti fuq Loan Account numru 5608171003, in konnessjoni ma' Lifestyle Loan mogħti lilu permezz ta' Credit Agreement datat 6 ta' Novembru 2017 u

Spejjeż bankarji relatati mas-self fuq imsemmi fl-ammont ta' seba' mija u sebgħa u erbgħin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (EUR 747.34ċ) bl-imgħaxijiet inklużi sal-1 ta' Novembru 2023 u li jinsabu dovuti fuq is-Savings Account numru 5608118001.

Bl-imgħaxijiet kif patwit bejn il-partijiet, ossija mill-1 ta' Novembru 2023 sad-data tal-ħlas effettiv:

Bir-rata ta' disgħa punt disgħa disgħa fil-mija (9.99%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account fuq imsemmi u dan skond kif jingħad f'Artikli 5 u 12 tal-Credit Agreement fuq imsemmi u

Bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq is-Savings Account fuq imsemmi u dan skont l-Artikolu 3.3 tat-Terms and Conditions relattivi għall-Savings Account.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra legali u l-ittra uffiċjali bin-numru 157/2023 u kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 169/2023 preżentat kontestwalment mal-ittra uffiċjali.

Rat li l-konvenut ġie notifikat bl-atti fid-19 ta' Jannar 2024.

Rat li l-konvenut baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta għat-talbiet tal-bank attriċi.

Rat li ġew ippreżentati kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2024 infetħu u inqraw il-kapitoli u l-kawża ġiet posposta għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti jirriżulta li għalkemm notifikat bit-talba tal-atturi l-konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta u baqa' qatt ma attenda għas-seduti ffissati. Minbarra f'dan il-bank attriċi ppreżentat ukoll kapitoli għas-subizzjoni tal-konvenut liema kapitoli infetħu u inqraw.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-bank attriċi sabiex il-konvenut iwieġeb għalihom bil-ġurament, b'hekk l-istess ammont u spejjeż jiġu ppruvati. In fatti, stante li l-konvenut naqas u ma deherx la meta ġew ppreżentati l-Kapitoli u lanqas fis-seduta meta l-Kapitoli infetħu u inqraw, l-istess Kapitoli għalhekk jirriżultaw mistħoqqa u għandhom jiġu emmnuti u għalhekk għandhom jittieħdu bħala mistqarra.

**Decide**

**Għaldaqstant in vista tal-premess u għar-raġunijiet hawn mogħtija l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-bank attriċi *in toto* u tordna lill-konvenut jħallas lill-bank attriċi s-somma ta' sebat elef u erba' mija u disgħa u sittin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (EUR 7,469.24ċ) rappreżentanti ammont dovut minnu fuq il-kontijiet tiegħi mal-bank attriċi u speċifikament: Sitt elef u seba' mija u wieħed u għoxrin Euro u disgħin ċenteżmu (EUR 6,721.90ċ) bl-imgħaxijiet inklużi sal-1 ta' Novembru 2023 u dovuti fuq Loan Account numru 5608171003, in konnessjoni ma' Lifestyle Loan mogħti lilu permezz ta' Credit Agreement datat 6 ta' Novembru 2017 u spejjeż bankarji relatati mas-self fuq imsemmi fl-ammont ta' seba' mija u sebgħa u erbgħin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (EUR 747.34ċ) bl-imgħaxijiet inklużi sal-1 ta' Novembru 2023 u li jinsabu dovuti fuq is-Savings Account numru 5608118001.**

**Bl-imgħaxijiet kif patwit bejn il-partijiet, ossija mill-1 ta' Novembru 2023 sad-data tal-ħlas effettiv: u ċioe' bir-rata ta' disgħa punt disgħa disgħa fil-mija (9.99%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq il-Loan Account fuq imsemmi u dan skond kif jingħad f'Artikli 5 u 12 tal-Credit Agreement fuq imsemmi u bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fis-sena fuq l-ammont dovut fuq is-Savings Account fuq imsemmi u dan skont l-Artikolu 3.3 tat-Terms and Conditions relattivi għall-Savings Account.**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 157/2023 u kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 169/2023 preżentat kontestwalment mal-ittra uffiċjali a karigu tal-konvenut.**

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur